# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 14**

**Rikors numru 424/19/1 RGM**

**Giovanna Pace**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ta' Giovanna Pace, datat 30 ta' April, 2019, li permezz tiegħu ngħad:

> "Illi dan huwa rikors bil-procedura specjali stabilita permezz tal-Aritkolu 22C tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta dwar ir-revoka tal-konfiska.

Illi l-esponenti kienet giet akkuzata[1] talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' April, 2004 u matul l-ahhar erba' xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) Assocjat ruhha flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex tbiegh jew tittraffika medicina (eroina, kokajina u raza tal-cannabis) f' dawn il-Gzejjer, kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi, Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromovejt jew ikkostitwejt, organizzajt, jew iffinanzjat l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 22 (1)(f), tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Talli wkoll fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jfornu id-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghallimportazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Talli wkoll kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienux bil-licenzja jew xort ohra, awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienetx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u nuqqas li tippruva li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom

[1] Kaz Numru 325/2004

d) Talli wkoll bieghet jew xort' ohra ittraffikat fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

e) Talli wkoll kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha.

f) Talli wkoll forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xorta ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) Talli wkoll kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienetx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija fil-pussess taghha giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolament imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/ 1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall uzu esklussiv taghha.

Kif ukoll talli f'Hal Qormi fl-20 ta' April, 2004 ghall-habta tas-2:15pm:

l) Ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' WPS 45 Marisa Bartolo ai termini tal-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

m) Ukoll talli ma' obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u ma hallietx jew fixklet waqt li

WPS 45 Marisa Bartolo kienet qieghda taghmel dmira bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali,

n) Ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PS 1044 Gordon Calleja, WPS 45 Marisa Bartolo, PC 213 Nikolai Borg, PC 1220 Christopher Baldacchino, WPC 89 Mariella Spiteri, u lil WPC 119 Cynthia Camilleri bhala Ufficjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghom, jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz, ai termini tal-artikolu 95, tal-Kodici Kriminali Kap 9

o) Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra PS 1044 Gordon Calleja, WPS 45 Marisa Bartolo, PS 213 Nikolai Borg, PC 1220 Christopher Baldacchino, WPC 89 Mariella Spiteri u lil WPC 119 Cynthia Camilleri bhala persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li aggixxew ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il ligi mill awtorita kompetenti, ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi nhar l-1 ta' Frar, 2019 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi sabet lill-esponenti hatja tal-imputazzjonijiet immarkati bhala (l), (m), (n) u (o) u kkundannatha ghal tnax (12) –il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn. **<u>Il-Qorti ddikjarat lill-esponenti mhux hatja tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, ossia dawk relatati mat-traffikar tad-droga u konsegwentament illiberatha minnhom</u>**. B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti kkundannat lill-esponenti flimkien mal-ko-imputat Marco Pace, sabiex thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti in konnessjoni mal-proceduri kriminali.

In oltre il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus esebiti waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2004 u li huma mmarkati bhala dok JMX1.

Illi mill-verbal ta' nhar it-12 ta' Mejju, 2004 tal-proceduri kriminali mertu tal-proceduri odjerni, jemergi bic-car illi "L-ispettur Josric Mifsud esebixxa bil-gurament tieghu borza tal-plastic issiggillata li giet immarkata bhala Dok JMX1 kontenenti d-dokumenti kif elenkati fir-rapport tas-Scene of Crime Officers esebit u immarkat bhala Dok JF1."

Minn qari akkurat tar-relazzjoni tas-Scene of Crime Officer jirrizulta illi minn gewwa r-residenza tar-rikorrenti gew elevati s-segwenti flejjes:

- Lm 590 imqassmin f'karti ta' 1 x Lm 20, 53 x Lm 10 u 8 x Lm5
- Lm 1195 imqassmin f'karti ta' 5 x Lm 20, 74 x Lm 10, u 71 x Lm8

- Lm 400 imqassmin f'karti ta' 3 x Lm 20, 33 x Lm 10 u 2 x Lm5
- Cash Box lewn Blu kontenenti Lm 1000 imqassmin f'karti ta' 5 x Lm20, 88 x Lm10, u 4 x Lm5
- Cash box hamra miftuha kontenenti Lm231 imqassmin f'14 x Lm10, 11 x Lm5 u 18 x Lm2
- Minn gewwa pocket fuq il-parti ta' wara tal-beauty case kien hemm Lm1629 imqassmin f'37 x Lm2, 37 x Lm5, 137 x Lm 10, u 1 x Lm5
- Cash box sewda kontenenti Lm 20 imqassmin f' 4 x Lm5
- Pouch iswed kontenenti Lm480 imqassmin f' 14 x Lm5, 39 x Lm10, u 1 x Lm20 u diversi muniti u flus ohra imqassmin 10 x Lm 2, 16 x Lm5, 3 x Lm10, 4 x 1c, 1 x 2c, 8 x 5c, 4 x 10c, 6 x 25c, 12 x 50c, u 7 x Lm1
- Minn fuq il-gradenza tal-entrata tal-fond 83, Triq il-Mithna, Qormi karti tal-flus imqassmin f'39 x Lm10, 7 x Lm5 u 1 x Lm2
- Minn wara l-gwardarobba tal-Main Bedroom ammont ta' flus muniti minn wara l-gwardarobba
- Minn fuq is-sodda tal-kamra tas-sodda tal-fond 83, Triq il-Mithna, Qormi landa Café Crème kontenenti 9 x Lm2, 5 x Lm5 u 5 x Lm10
- Minn fuq is-sodda tal-kamra tas-sodda tal-fond 83, Triq il-Mithna, Qormi karus maghluq tal-J&B

Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha minn dak illi jiddisponi l-artikolu 22C tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel dan ir-rikors sabiex titlob ir-revoka tal-konfiska tal-mobbli hekk konfiskati stante li l-istess ma kienux profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat u lanqas propjeta, akkwistata jew miksuba, direttament jew indiretttament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

Illi kif sejjer jigi ampjament ppruvat waqt is-smiegh ta'dan ir-rikors, il-flejjes hawn fuq imsemmija huma propjeta' tal-esponenti.

Illi l-flus illi gew elevati fil-mori tal-investigazzjoni illi waslu ghall-proceduri kriminali mertu tar-rikors *de quo* kienu flus illi kienu ilhom jigu mfaddlin mill-esponenti, liema flus ghandhom provenjenza lecita stante li kienu qeghdin jigu imwarrbin mill-paga illi kien qieghed jircievi r-ragel tal-esponenti Anthony Pace mill-impjieg tieghu.

Illi di piu' dan kollu ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti giet liberata minn kwalunkwe akkuza relatata mat-traffikar u bejgh tad-droga u nstabet hatja biss illi ma obdietx ordnijiet legittimi tal-Pulizija kif ukoll li hebbet u kkagunat ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku. **<u>Ghaldaqstant bl-ebda mod u manjiera ma jista' qatt jinghad illi l-flus illi l-esponenti kienet qieghda ggemmgha kienu flus illi kellhom provenjenza illecita u/jew flus miksuba jew akkwistati minn reat.</u>**

Illi mix-xhieda li ser jitressqu waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, ser jigi abbundantament ppruvat illi tali flejjes huma propjeta' tal-

esponenti u kienu qeghdin jigu mgemmghin bi sforz minn ferm qabel mal-esponenti tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Illi l-esponenti temmen bis-shih illi tali flus u oggetti hawn fuq imsemmija ma kellhom qatt jigu kkonfiskati u dana stante li huma propjeta taghha u stante li tali flus ma gewx miksuba la direttament u lanqas indirettament minn jew permezz ta' kummissjoni ta' delitt tali flejjes ma kienux suggetti ghall-konfiska.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment qieghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-flus mertu ta' dan ir-rikors ma gew miksuba mill-ebda reat u ghaldaqstant kienu flus leciti;
2.
3. Konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni tal-konfiska fuq l-istess assi hawn fuq imsemmija u tordna li tali flejjes ghandhom jigu mraddin lura lir-rikorrenti."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali mressqa minnhom fis-27 ta' Mejju, 2019, li permezz tagħha wieġbu:

"1. Illi in linea preliminari, l-konvenut Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-artikolu 181B (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fir-rigward tal-mertu, jehtieg li r-rikorrent jgib prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza tal-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhix rizultati ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu ir-rikorrent instab hati jew propjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profiti jew dhul mill-ghemil ta' reat;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat ukoll li r-rikorrent kellu jehmez mar-rikors guramentat id-dokumenti kollha sabiex jipprova l-kaz tieghu ai termini tal-artikolu 22C(3) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu jigi rilevat li l-prova tal-provenjenza lecita ta' din il-proprjeta` u l-akkwist lecitu taghha tispetta lir-rikorrent;

5. Illi fi kwalunkwe kaz u peress li f'dan l-istadju r-rikorrent ma gabx provi ezawrjenti dwar il-lecita` tal-proprjeta` in kwistjoni, l-esponent jirrileva li r-rikors promotur huwa infondat fil-fatt u fid-

dritt u ghalhekk l-esponent jopponi l-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrent;

6. Illi in vista tas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-esponent ikollu l-opportunita` li jikkontrolla l-provi tar-rikorrent u x-xhieda li elenka fir-rikors u wara li jinghata lilu l-opportunita` li jivverifika d-dokumenti li r-rikorrenti kien obbligat jehmez mal-istess rikors kif inghad qabel."

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Mejju, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi filwaqt li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u ddikjarat li l-intimat Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, ċaħdet it-talbiet attriċi peress li rriteniet li l-azzjoni attriċi ma kenitx proponibbli fit-termini tal-Artikolu 22C tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Fatti pertinenti li preċidew il-kawża odjerna**

L-attriċi kienet ġiet akkużata talli fl-20 t'April 2004 u matul l-aħħar erba' xhur qabel dik id-data hija kkommettiet diversi reati fil-gżejjer Maltin fi żminijiet differenti:

a. Bejgħ u traffikar tad-droga eroina, kokaina u raża tal-cannabis;
b. Ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga eroina u kokaina; u
c. Pussess tad-droga eroina, raża tal-kannabis u kokaina

U wkoll talli fl-20 t'April 2004

d. Ikkaġunat feriti ta natura gravi fuq il-persuna ta' uffiċċjal tal-Pulizija;

e. Inġurjat jew heddet jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' numru ta' Pulizija;
f. M'obdietx ordinijiet leġittimi tal-awtorita
g. Attakat jew għamlet resisdenza bi vjolenza jew b'ħebb li titqies vjolenza pubblika kontra numru ta' Pulizija.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar 2019 illiberat lil Giovanna Pace mir-reati relatati mad-droga iżda sabitha ħatja għall-aħħar erba' reati fuq elenkati u kkundannatha għal 12-il xahar priġunerija sospiżi għal sentjen. Il-Qorti tal-Maġistrati għaddiet ukoll sabiex ordnat il-konfiska favur il-Gvern tal-flus esebiti waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2004.

Fit-12 ta' Mejju 2004, "l-Ispettur Josric Mifsud esebixxa bil-ġurament tiegħu borza tal-plastic issiġġillata li ġiet immarkata bħala Dok JMX 1 kontenenti d-dokumenti kif elenkati fir-rapport tas-Scene of Crime Officers esebit u immarkat bħala Dok JF 1 [...][2]. Mill-fond 61, Triq il-Mitħna Ħal Qormi u għalhekk ir-residenza tal-attriċi ġew elevati is-segwenti flejjes:

a. Lm590 imqasmin f'karti ta 1 x Lm 20, 53 x Lm 10 u 8 x Lm 5;
b. Lm 1195 imqasmin f'5 x Lm 20, 74 x Lm 10 u 71 x Lm 5 u pouch tal-cashlink kontentni Visa Electron f'isem Giovanna Pace u karti tal-flus valuta barranijja imqasmin 8 x U$D 50 u 4 x 30 Dinar;
c. Lm400 imqasmin f'karti ta 3 x Lm 20, 33 x Lm 10 u 2 x Lm 5;
d. Cash box lewn blu b'Lm 1,000 imqasmin f'5 x Lm 20, 88 x Lm 10 u 4 x Lm 5;
e. Cash box ħamra miftuħa biċ-ċavetta f'posta kontenti Lm 231 imqasmin f'14 x Lm 10, 11 x Lm 5 u 18 x Lm2;
f. Ġewwa pocket fuq il-parti ta' wara ta' *beauty case* kien hemm Lm 1,629 imqasmin f'37 x Lm 2, 37 x Lm 5, 137 x Lm 10 u 1 x Lm 5 imqatta;
g. Cash box sewda b'ċavetta kontenti 4 x Lm 5 total ta' Lm 20;
h. Pouch iswed kontenti Lm 480 imqasmin f'14 x Lm 5, 39 x Lm 10 u 1 x Lm 20 u muniti u flus karti oħra imqasmin 10 x Lm 2, 16 x Lm 5, 3 x Lm 10, 4 x 1c, 1 x 2c, 8 x 5c, 4 x 10c, 6 x 25c, 12 x 50c u 7 x Lm1; u
i. Elevati minn wara l-gwardarobba tal-kamra tas-sodda prinċipali ammont ta' flus muniti (mhux mgħoddija).[3]

Ġew elevati flejjes oħra iżda minn proprjeta oħra li m'hijiex tar-rikorrenti. Mill-fond 83, Triq il-Mitħna, Qormi ċioe mill-fond li kien jirrisjedi fih Marc Pace, iben ir-rikorrenti ġew elevati

a. Karti tal-flus imqasmin f'39 x Lm 10, 7 x Lm 5 u 1 x Lm 2; u
b. Landa Cafe Creme kontenti 9 x Lm2, 5 x Lm 5 u 5 x Lm 10 u karus magħluq tal-J&B.[4]

B'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 t'April 2004, fl-atti tal-kumpilazzjoni, Dr. Vincent Galea ġie nominat sabiex jagħmel lista dettaljata tal-mobbli u immobbli ta' Giovanna Pace. Wara riċerka

[2] Paġna 220 tal-proċess kriminali (vol 2).
[3] Paġna 229 et seq tal-proċess kriminali.
[4] Paġna 234 et seq tal-proċess kriminali.

ampja li saret minn Dr. Vincent Galea irriżultalu li Giovanna Pace dak iż-żmien kellha mal-Bank of Valletta plc kont tat-tip savings b'bilanċ ta' Lm0.17, kont ieħor tat-tip savings li kien fih bilanċ ta' Lm307.03[5] u visa classic li kellha bilanċ ta' Lm885.66.[6] L-attriċi kellha wkoll kont mal-bank HSBC plx fis-somma ta' Lm482.15.[7] Ir-riżulta wkoll li għalkemm m'għandiex liċenzja tas-sewqan l-attriċi għandha vettura irreġistrata fuq isimha.

Minn riċerka li għamel Dr. Vincent Galea fir-Reġistru Pubbliku irriżulta li fl-1 ta' Settembru 1989 ċertu Vincent Mifsud assenja b'titolu ta' tpartit lill-attriċi it-terran bl-arja tiegħu fond ġewwa Triq San Ġorġ, Ħal Qormi bil-valur ta' Lm1,000 u in kontrakambju Giovanna Pace assenjat lil Vincent Mifsud oġġetti mobili. Fid-9 ta' Frar 1994 sar il-bejgħ ta' għalqa ġewwa Ħal Qormi lil Anthony Pace u Giovanna Pace; fit-18 t'April 1995 il-konjuġi Pace biegħu il-fond fuq imsemmi ġewwa Triq San Ġorġ, Ħal Qormi għal prezz ta' Lm6,500; u fit-22 t'Ottubru 2002 il-konjuġi Pace xtraw nofs indiviż ta' għalqa fil-limiti ta' Ħal Farruġ.[8]

Ikkunsidrat;

**Provi**

Fil-15 t'Ottubru 2019 tela' jixhed **Joseph Saliba** rappreżentant tal-JobsPlus. Huwa ppreżenta *employment history* ta' Anthony Pace, r-raġel tal-attriċi liema turi li mill-1975 sal-2011 kellu impjieg kontinwu fuq bażi *part-time* bħala *self-employed auto-electrician*.

Xehdet ukoll l-**attriċi** permezz t'affidavit fejn qalet li hija miżżewġa lil Anthony Pace u li ż-żwieġ tagħha huwa regolat bil-komunjoni tal-akkwisti. Kompliet tgħid li f'April tal-2004 daħlu l-Pulizija fir-residenza tagħha u ta' żewġha ċioe 61, Triq il-Mitħna, Ħal Qormi. Magħha dak inhar kien hemm in-neputijiet Sacha u Anton aħwa Pace. Tgħid li l-Pulizija għamlu *search* u f'diversi postijiet sabu flus imqasmin f'cashboxes differenti, flus li kienu qegħdin iġemmgħu mill-paga tar-raġel tagħha biex ikunu jistgħu jagħmlu kapriċċ. Tgħid li huma ma kinux iżommu l-flus f'post wieħed. Tkompli tgħid hekk "Il-Pulizija sabu wkoll zewg laned wahda tal-Creme Cafe u karus iehor tal-J&B fejn go fihom ahna bhala n-nanniet konna ngemmghu il-flus ghan-neputijiet Sacha u Anton."[9]

Xhedet li r-raġel tagħha kien "jibda [jahdem] minn filghodu kmieni u qabel filghaxija ma jirritornax lejn id-dar."[10] Qalet li huwa kien jixtri u jbiegħ il-karozzi bi profit u l-qligħ kien jżommu d-dar.

---

[5] Minn dokument li jinsab f'paġna 713 tal-proċess jidher li dak il-kont kien infetaħ minn Giovanna Pace għan-nom ta' Anthon Pace, li dak iż-żmien kien minorenni.
[6] Dok GP 1 (vol 3).
[7] Dok GP 2 (vol 3).
[8] Paġna 20 et seq tar-rapport ta' Dr. Vincent Pace immarkata bħala Dok VG2 (vol 3).
[9] Paġna 22 tal-proċess.
[10] Paġna 23 tal-proċess.

Fis-27 ta' Frar 2021 sar il-kontro-eżami tal-attriċi fejn tgħid li hija kienet mara tad-dar u ma kellha l-ebda xogħol ieħor. Tgħid li kont bankarju qatt ma kellha lanqas *joint account* mar-raġel tagħha. Ir-raġel tagħha ma kellux kont bankarju lanqas. Tikkonferma li għax-xogħol ta' bejgħ ta' karozzi ir-raġel tagħha ma kienx joħroġ VAT receipts pero għax-xogħol t'*electrician* kien joħroġ irċevuti. Spjegat li hija kienet tieħu ħsieb il-bolol u kellhom *accountant* li jieħu ħsieb jimlilhom il-karti tat-taxxi.

Xehed is-**Supretendent Josric Mifsud** fit-2 t'April 2020. Spjega li huwa kien involut fil-każ kontra Giovanna Pace billi kien il-fizjal investigattur li mexxa s-*search* fir-residenza tal-imsemmija Pace ġewwa Ħal Qormi. Jgħid li l-Pulizija kienu elevaw xi droga kif ukoll xi flus li kienu fil-kamra tas-sodda prinċipali. Dawn il-flejjes kienu fil-munita tal-Lira Maltija u xi żmien wara kienu ġew konvertiti f'Ewro u dan wara li l-istess kienu ġew mgħoddija quddiem Dr. Arthur Azzopardi, ix-xhud stess u d-Deputat tal-Maġistrat. Dawn il-flus għadhom fil-kustodja tal-Qorti u qatt ma ġew ritornati. Jikkonferma li Giovanna Pace ma nstabitx ħatja fuq droga iżda kienet ħatja fuq ir-reati rimanenti. Il-Prosekuzzjoni kif kienet il-liġi dak iż-żmien ma setgħux jappellaw mis-sentenza.

Is-Supretendent għamel affidavit ukoll li fih ma' qal xejn ġdid mix-xhieda għajr li għamel elenku tal-flus li ġew ikkonfiskati. Spjega li l-muniti li nstabu wara l-gwardarobba baqgħu qatt ma ġew mgħaduda peress li meta infetħet il-borża li kienu fiha ma kienux għadhom jistgħu jiġu mibdulha.

Xehed ukoll il-kontro-eżami fil-25 ta' Novembru 2021 fejn ikkonferma li l-flus ġew elevati għaliex l-investigazzjoni kienet tiċċentra mar-reati relattivi mad-droga u li wkoll għaliex instabu fl-istess post fejn instabet anke droga. Jikkonferma li l-elevar tal-flus saret proprju għaliex kienet ser tibda investigazzjoni jew ser tinħareġ akkuża relatata mad-droga. Jikkonferma wkoll li l-Pulizija qatt ma nvestigaw minn fejn kienu ġejjien il-flus.

Ġie ppreżentat mill-attri`i affidavit ta' **Anthony Pace** fejn ikkonferma li hu miżżewweġ lil Giovanna Pace u li ż-żwieġ tagħhom huwa regolat bil-komunjoni tal-akkwisti. Jgħid li f'April 2004 sarret tfittxija mill-Pulizija fir-residenza tagħhom u ġew elevati xi flus li hu u martu kienu ilhom iġemmgħu. Jikkonferma li huwa kien jaħdem bħala *self employed electrician* mis-sena 1975 sal-2011. Jgħid li għalkemm kien reġistrat bħala *part-time* kien inqatta ħafna mill-ġurnata l-garaxx għax jgħid li kien imqabbad sew. Jisħaq li l-flus huma tagħhom u huma kollha leġittimi.

Huwa xehed in kontro-eżami fit-23 'April 2021. Jgħid li ilu miżżewweġ mill-1969. Minn mindu kellu 16-il sena kien jaħdem bħala *electrician* tal-karozzi. Jgħid li huwa kien *self-employed* u kien jitħallas bi flus

kontanti. Dikjarazzjoni tal-VAT kienet isir mill-*accountant* u jikkonferma li kien joħroġ irċevuti tal-VAT. Jgħid li qatt ma kellu kont bankarju u m'għandux lanqas issa. Jien li dak li jaqla kien iżżommhom id-dar u li fil-ġimgħa kien jaqla madwar Lm500 li minnhom riedu jitnaqqsu spejjeż bħal ikel, kontijiet tad-dawl u ilma, eċċ. Jikkonferma li l-mara tiegħu qatt ma ħadmet u lanqas għandha kont bankarju. Il-flus kienu jinżammu wara l-gwardarobba jew ġo xi kexxun. Jikkonferma li xi ftit flus kien iġemma – kważi inqas min-nofs kien dejjem iġemmgħhom. Jigħid li l-Pulizija sabu xi Lm6,000 flus kontanti li kienu jinżammut fil-boroz biex ma jinxterdux. Dwar il-bejgħ ta' karozzi jgħid li huwa ma kienx ibiegħ karozzi kbar u forsi kien jagħmel qligħ ta' Lm50 l-waħda. Fix-xahar kien ibegħ xi waħda. Jikkonferma li x-xiri u bejgħ ta' karozzi bdih f'xi sena 1999 u fis-sena 2003 – 2004 kien għadu jagħmlu. Jgħid li huwa kellu garaxx taħt id-dar u ma kellux lavranti għax kellu ftit xogħol.

Il-proċedura penali kontra l-attrċi kienet imsejsa fuq l-akkuża ta' assoċjazzjoni fit-traffikar tad-droga, forniment u pussess aggravat ta' droga eroina, kokaina u raza tal-kannabis. Id-droga nstabet fir-residenza ta' Giovanna Pace u ta' żewġha Anthony Pace. Ir-residenza hija sovrapposta għall-garaxx proprjeta' wkoll tal-attriċi żewġha u li minnu allegatament kienet qiegħda tiġi traffikata d-droga. Minn dan il-garaxx kien jaħdem Anthony Pace bħala *electrician* tal-karozzi, ibiegħ *spare parts* u jbiegħ xi vettura second-hand. Mill-proċessi allegati mal-kawża ċivili jirriżulta li miegħu kien jaħdem xi ftit siegħat ċertu Christopher Mazzitelli. Ta' spiss kien ikun hemm preżenti fil-garaxx Mark Pace, iben Giovanna u Anthony Pace.

Ġie deċiż fil-kawża nru 325/2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giovamma Pace et mogħtija fl-1 ta' Frar 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jirriżultax li Giovanna Pace "kienet involuta fil-bejgħ tas-sustanzi illeċiti jew li altrimenti kien hemm xi ftehim bejnha u bejn terzi sabiex tigi traffikata d-droga."[11] Di piu lanqas ma ġie ppruvat li d-droga kienet ġiet fornuta jew fornuta lil terzi mir-rikorrenti. Pjuttost is-Supretendent Josric Mifsud, dak iż-żmien Spettur, ikkonferma li huwa ma rċieva l-ebda stqarrija li Giovanna Pace kienet qiegħda tittraffika d-droga. Rigwardanti l-pussess tad-droga, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qieset is-segwenti:

> "Illi ghalkemm WPS 45, PC 1220 u WPC119 xehdu li d-droga nstabet fil-kamra tas-sodda principali fir-residenza tal-konjugi Pace u l-Prosekuzzjojni qeghda ghalhekk issostni li l-istess droga kienet fil-pussess tal-imputata, mir-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officers effettivament jirrizulta li kien hemm single bed fil-kamra fejn instabet id-droga. Tenut kont tal-fatt li mill-provi rrizulta li l-ko-akkuzat Marco Pace kellu l-vizzju tad-droga u kien maghruf mal-Pulizija bhala persuna nvoluta fit-traffikar tad-droga u tenut kont li mill-provi rrizulta wkoll li huwa kien jiffrekwenta d-dar tal-genituri tieghu kuljum,

[11] Paġna 1883 tal-proċess kriminali (vol 6).

> ghalkemm ma kienx qed joqghod hemm u kien ukoll jinqeda bil-garaxx ta' missieru sottostanti ghal din ir-residenza sabiex ibiegh id-droga, u tenut kont ukoll li l-imputata Giovanna Pace ma kelliex il-vizzju tad-droga, il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxielha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li d-droga li nstabet kienet fil-pussess tal-imputata Giovanna Pace. Kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni gie pruvat li l-imputata kienet qed tipprrova teqred prova konnessa mal-ezekuzzjoni ta' reat meta pruvat tiddisponi mis-sustanza tal-lewn kannella izda hija ma gietx addebitata b'akkuza f'dan is-sens."[12]

Nonostante li l-Qorti sabet lil Giovanna Pace mhux ħatja tar-reati konnessi mal-assoċjazzjoni fit-traffikar tad-droga, forniment u pussess aggravat ta' droga hija kkonkludiet li "B'applikazzjoni tal-Artikoli 23(1), 23A u 23 B (1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus [Cedola Numru 55/2018 Cash No 1375/02/2018 €14,064.76 (flus maltin gew konvertiti f' ewros fis-26.2.2018)][13] esebiti waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2004 u li huma mmarkati bhala dok JMX 1."[14] Sussegwentament għal din id-deċiżjoni sar rikors sabiex jiġi żbankat id-depożitu tal-ħelsien mill-arrest u r-revoka tal-ordni tal-iffriżar liema talbiet ġew akkolti; saret talba għar-ritorn tal-ġojjelli u talba oħra f'rikors separat għar-ritorn tal-*cards* bankarji, liema talbiet ntlaqgħu wkoll.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Il-kawża odjerna hija azzjoni taħt l-**Artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101** (Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi), li ġiet istitwita mir-rikorrenti wara li ġiet liberata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'deċiżjoni mogħtija fl-1 ta' Frar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giovanna Pace et,** iżda fejn il-Qorti xorta ordnat il-konfiska tal-flus li ġew esebiti fil-kawża favur il-Gvern ta' Malta u għalhekk l-attriċi qiegħda titlob ir-rilaxx ta' dawk l-istess flejjes.

**L-Avukat Ġenerali mhux leġisttimu kontradittur**

Bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li m'huwiex il-leġittimu kontradittur.

Qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ fil-mori tal-kawża odjerna bl-Att V tal-2021, l-**Artikolu 22Ċ (5) tal-Kapitolu 101** kien jipprovdi li:

> "Ir-rikors u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ għandhom jiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija mingħajr dewmien, u l-imsemmi

[12] Paġni 1185 u 1886 tal-proċess kriminali.
[13] Ċedola tinsab f'paġna 1841 tal-proċess li ġġib id-data ta' 26 ta' Frar 2018 ekwivalenti għal Lm6,038.
[14] Paġna 1894 tal-proċess kriminali.

Kummissarju għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors fi żmien ħmistax-il jum wara d-data tan-notifika tar-rikors."

Għalhekk jirriżulta li fiż-żmien meta ġiet intavolata din l-azzjoni, l-uniku interlokatur għall-finijiet tal-proċeduri bħal dik in diżamina kellu jkun biss il-Kummissarju tal-Pulizija, u dan, peress li espressament hekk stipulat *ex lege*.

Ingħad fis-sentenza **John Saliba vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (App Ċiv 768/2004) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 t'April 2017 li:

"10. [...] l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda zball ta' dritt meta ordnat li, hlief ghall-Kummissarju tal-Pulizija, l-intimati l-ohra jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Dan ghaliex il-ligi stess, fl-Artikolu 22C [5] tal-Kap. 101 tghid espressament kontra min ghandhom isiru proceduri bhala dawk odjerni, u ladarba l-ligi ma jsemmi lil hadd izjed u b'applikazzjoni tal-massima legali, *quod lex voluit lex dixit* ma kienx lecitu li jiddahhlu fil-proceduri l-intimati l-ohra. [Ara fir-rigward PA **Paul Muscat et v. Kummissarju tal-Pulizija**, 12 Ottubru 2012]"

In vista ta' dak li tipprovdi l-liġi u anke l-insejnament tal-Qorti tal-Apell, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat;

**Il-Mertu**

L-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-**Artikolu 22Ċ (1) tal-Kapitolu 101 – Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi** li jaqra hekk:

"**<u>Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d),</u> il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk."** (sottolinear tal-Qorti).

**Artikolu 22(3A) (d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**

"**Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja ikun xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1) il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni,**

- Omissis -

**(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk**

> **misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunuqegħdin f'xi post barra minn Malta**"

Ġie stabbilit diversi drabi f'diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati fi kwistjonijiet simili għal dik odjerna illi l-oneru li jiġi ppruvat dak li dwaru jipprovdi l-artikolu tal-liġi appena ċitat jaqa' fuq min jitlob dikjarazzjoni li l-oġġetti milquta minn ordni ta' konfiska ma humiex profitti jew dħul min reat.

Hekk insibu li fis-sentenza **Norman Bezzina vs. Kummissarju tal-Pulizija** (App Ċiv 431/2014) mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Lulju 2021 ingħad:

> "16. Illi jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija tal-Ordni tal-konfiska li tressaq il-provi tagħha fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbutin minn profitt jew dħul min għemil ta' reat. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali;"[15]

Qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa l-provi mressqin quddiemha, hija sejra tikkunsidra f'liema ċirkostanzi azzjoni bħal dik odjerna tista' titressaq.

**Artikolu 22Ċ (1)** fuq ċitat jibda biex jipprovdi li talba għal revoka ta' ordni ta' konfiska taħt dan l-artikolu tista' ssir

> "**a. meta l-konfiska tkun saret taħt l-Artikolu 22 (3A)(d) tal-Kapitolu 101 stess; u**
>
> **b. il-persuna li qiegħda tressaq tali talba tkun instabet ħatja għal reat taħt l-Ordinanza jew terza persuna li tkun għaddiet għandu proprjeta immobbli."**

**Mill-qari akkurat tad-decide tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giovanna Pace et, jidher ferm ċar li l-konfiska ma saritx taħt l-Artikolu 22 (3A) (d) tal-Kapitolu 101 iżda saret "b'applikazzjoni tal-Artikoli 23(1), 23A u 23 B (1) tal-Kodici Kriminali"[16].**

[15] Ara wkoll **Jean Pierre Abdilla vs. Kummissarju tal-Pulizija** (Rik 1188/2013) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 26 ta' Ġunju 2017 u sentenzi oħra hemm imsemmija.

[16] Meħuda mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Ta' rilevanza massima hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Norman Bezzina et vs. Kummissarju tal-Pulizija** (App Ċiv 431/2014) mogħtija fil-21 ta' Lulju 2021:

> "Illi, kif sewwa rilevat mill-ewwel Qorti, ta' min jgħid ukoll li tali proċedura tapplika għal ordni magħmula taħt l-Artikolu 22(3A)(d) **biss**. Din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar konfiska ta' flejjes u ġid, mobbli u kif ukoll immobbli, tal-persuna misjuba ħatja, kemm jekk jinsabu f'Malta kemm jekk barra minn Malta, ukoll jekk sal-waqt tas-sejbien tal-ħtija, tali ġid immobbli jkun għadda f'idejn terza persuna;"[17]

Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza **Paul Muscat et vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik 190/2010) mogħtija fit-12 t'Ottubru 2012 ikkunsidrat li

> "[...] fir-rigward ta' dawn l-immobbli japplika l-Artikolu 22(3A) (a) tal-Kap. 101. Dawn il-proceduri ma jistghux jirnexxu ghaliex l-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 ma japplikax fil-kaz ta' konfiska tal-immobbli li tkun intuzat biex tinzamm, tinhazen, tinbiegh jew traffikata d-droga."

Minn dik id-deċiżjoni sar appell. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) ikkonfermat dan il-ħsieb, tant li fis-sentenza tagħha tat-28 t'April 2017 irriafermat li:

> "Minn ezami tal-artikolu in kwistjoni, mal-ewwel jirrizulta li dan il-procediment specjali huwa intiz sabiex il-persuna misjuba hatja jew terza persuna interessata, tkun tista' tressaq din il-procedura specjali sabiex tiehu lura l-oggetti konfiskati, limitatament sa fejn tali ordni ta' konfiska tkun saret taht l-Artikolu 22(3A)(d) tal-istess Ordinanza."[18]

Issa, fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Frar 2019 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iddeċiediet dwar il-konfiska illi:

> "**B'applikazzjoni tal-Artikoli 23(1), 23A u 23 B (1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus esebiti waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2004 u li huma mmarkati bhala dok JMX 1.**"

**Una volta fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Frar 2019 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitx lill-attriċi ħatja ta' xi reat taħt il-Kap 101, isegwi illi fil-konfront tal-attriċi ma setatx tordna l-konfiska ai termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 li fuqu huwa msejjes l-Artikolu 22C tal-Kap. 101.**

**Una volta l-konfiska ordnata fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma saritx fit-termini tal-Artikolu 22(3a)(d) tal-Kap 101, isegwi illi ma ġiex radikat fl-attriċi d-dritt li tadixxi lil din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 22C tal-**

[17] Sottolinear u enfażi ta' din il-Qorti.
[18] Sottolinear ta' din il-Qorti.

> **Kap. 101 tal-Liġijiet li fuqu hija espressament imsejsa l-kawża odjerna.**
>
> Ifisser għalhekk li l-attriċi ma setgħatx tadixxi lil din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 22C tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta."

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Giovanna Pace, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Mejju, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi fid-dawl tal-aggravju minnha sollevat u konsegwentement tilqa' t-talbiet tagħha kif jingħad fir-rikors promotur tagħha tat-30 ta' April, 2019. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz tagħha wieġeb li l-appell imressaq mill-appellanta għandu jiġi miċħud u d-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Mejju, 2022, fl-ismijiet premessi għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-istess appellanta.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat l-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawża titratta talba magħmula mir-rikorrenti li permezz tagħha hija titlob ir-revoka ta' konfiska ta' flejjes ordnata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar, 2019, fejn hija ma nstabitx ħatja ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet relatati ma' traffikar tad-droga ai termini tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda nstabet ħatja biss ta' reati kkontemplati taħt il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament li m'obdietx ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, kif ukoll li ħebbet u kkaġunat ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku. Madanakollu, l-istess Qorti għaddiet sabiex tordna l-konfiska tal-flejjes esebiti u kwindi tilmenta li r-reati li tagħhom ġiet misjuba ħatja l-appellanta, la jippresupponu rikavat u wisq anqas il-flejjes setgħu jitqiesu bħala *corpus delicti.* Għalhekk l-appellanta tressaq l-azzjoni odjerna skont l-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex titlob ir-revoka tal-konfiska tal-flejjes in kwistjoni, peress li l-istess flejjes ma kinux profitti jew dħul mit-twettiq ta' xi reat.

10. L-Ewwel Qorti, permezz tas-sentenza appellata ddeċidiet li l-azzjoni tar-rikorrenti ma kinitx proponibbli fit-termini tal-Artikolu 22Ċ, peress li ladarba l-konfiska ma saritx fit-termini tal-Artikolu 23(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda fit-termini tal-Artikoli 23(1), 23 A u 23B (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ġiex radikat fl-attriċi d-dritt li tadixxi

lill-Ewwel Qorti fit-termini tal-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li fuqu hija msejsa l-kawża in eżami.

11. L-appellanta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha.

12. Fl-appell tagħha, l-appellanta tfisser li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, setgħet tordna l-konfiska tal-flus kontanti f'żewġ xenarji: (i) jew f'każ li kienu klassifikati bħala *corpus delicti* fit-termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) jew kieku tqiesu bħala rikavat derivanti mir-reati li tagħhom tkun ġiet misjuba ħatja l-appellanta fit-termini tal-Artikolu 23(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda ssostni li l-flus in kwistjoni la setgħu jitqiesu bħala *corpus delicti* u lanqas ġiet misjuba ħatja ta' xi delitt taħt il-Kap. 101 u r-reati li tagħhom ġiet misjuba ħatja, ma jippresupponu l-ebda rikavat. Hija tilmenta li filwaqt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz tas-sentenza tal-1 ta' Frar, 2019, irriteniet li l-konfiska tal-flejjes qegħda ssir b'applikazzjoni tal- Artikoli 23(1), 23 A u 23B (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 23(1) jaħseb għall-konfiska tal-*corpus delicti* – xi ħaġa li l-flus kontanti ċertament ma kinux; l-Artikolu 23(A) jikkontempla biss il-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar u kwindi huwa kompletament irrilevanti u inapplikabbli; filwaqt li l-Artikolu 23B(1) jaħseb għall-konfiska ta' rikavat, meta r-reati ta' ħebb u

kaġunar ta' feriti ħfief fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku, ma jġibu magħhom l-ebda forma ta' rikavat.

13. Filwaqt li l-appellanta tikkontendi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali żbaljat, in kwantu ordnat il-konfiska tal-imsemmija flejjes u dan meta hija ma ġietx misjuba ħatja ta' xi delitt li jaqa' fil-kappa tat-traffikar tad-droga taħt il-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, il-pern kollu jirrivolvi fuq il-fatt li l-Kap. 9 ma jfassal l-ebda proċedura kif wieħed jista' jirkupra ħwejjeġ li jkunu ġew ikkonfiskati in forza tal-Artikolu 23(1) jew 23B tal-Kap. 9 u kwindi l-uniku rimedju li kellha kien li tirrikorri għall-proċedura maħsuba fl-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tadixxi lill-Ewwel Qorti sabiex turi li l-flejjes żbaljatament konfiskati għandhom provenjenza leċita u dan minkejja li l-istess appellanta ma kenitx instabet ħatja ta' xi reat maħsub taħt l-istess Kap. 101. Tilmenta li l-Ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata tat il-barka tagħha għall-iżball proċedurali tal-Qorti tal-Maġistrati u minflok indirizzat tali żball, kif kellha kull poter li tagħmel, l-appellanta spiċċat svestita minn rimedju legali għall-irkupru ta' flusha, liema flus ġew illegalment konfiskati. Kwindi għall-iżball li ħadet il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Frar, 2019, l-appellanta qegħda tbati l-konsegwenzi.

14. Tisħaq li l-Ewwel Qorti, mogħnija b'setgħat residwali, kellha d-dmir li tissindika d-deċiżjoni monka tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ta' Ġudikatura Kriminali u tara jekk dik id-deċiżjoni kenitx waħda "*bad on the face*". Tinsisti li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni residwa u dana peress li huwa prinċipju stabbilit li, fejn ma hemm ebda Qorti espressament vestita bil-ġurisdizzjoni, il-kwistjoni tkun tista' tinġieb quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, inkluż li tiġi kontrollata l-legalità ta' dak li jsir fl-eżerċizzju tal-awtorita` ġudizzjarja, meta l-illegalità tkun ċara u ma tkunx tista' tiġi rimedjata mod ieħor. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Ġenerali v. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin et,** fejn fost affarijiet oħra ngħad li, persuna tista' dejjem tistrieħ fuq il-ġurisdizzjoni residwali fejn ikun hemm żball proċedurali gravi da parti tal-qrati. Kwindi tinsisti li t-talbiet tagħha kif jirriżultaw mir-rikors promotur jimmeritaw li jintlaqgħu fis-sħiħ.

15. L-appellat Kummissarju tal-Pulizija, da parti tiegħu jikkontendi li l-argument li jitressaq quddiem din il-Qorti bbażat fuq il-poteri residwali tal-Prim' Awla qatt ma nġieb a konjizzjoni tal-istess Prim' Awla. Effettivament l-appellanta ressqet l-azzjoni tagħha speċifikatament fuq l-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101, tant li r-rikors promotur imressaq ma kienx wieħed ġuramentat u fil-premessi mkien ma jissemma li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet żball lampanti jew li l-appellanta kienet qegħda titlob rimedju sabiex l-iżball jissewwa, iżda saret speċifikatament fit-termini tal-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 u ntalab rimedju f'dak is-sens. Kwindi l-appellanta ma

setgħetx tikkapovolġi l-premessi u t-talbiet tagħha kompletament, wara kollox l-Ewwel Qorti ntalbet rimedju skont l-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 u ma setgħetx teżerċita l-poteri residwali tagħha meta l-kawżali fir-rikors promotur kienu kompletament differenti.

16. L-appellat jagħmel referenza għall-ġurisprudenza fis-sens li l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni u li mhuwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fl-att promotur. Jisħaq ukoll li huwa skorrett li parti f'kawża tinvoka l-poteri residwali tal-qorti ċivili fl-istadju tal-appell, meta dawn qatt ma ġew invokati quddiem l-Ewwel Qorti. Permezz tal-appell odjern l-appellanta qegħda tressaq azzjoni b'kawżali prattikament ġdida, mentri s-sentenza ċitata mill-appellanta kienet propju waħda fejn kien qiegħed jiġi mitlub mill-Qorti ċivili li sentenza oħra tiġi dikjarata nulla, bil-poteri residwali tagħha u għalhekk il-fattispecie taż-żewġ kawżi huma differenti. Wara kollox, l-appellanta kellha rimedju effettiv sabiex tattakka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, billi tappella dik is-sentenza fejn titlob varjazzjoni tagħha. Inoltre, it-talba fir-rikors tal-appell huwa kontradittorju għall-aggravju prinċipali, in kwantu filwaqt li jintalab li din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tagħha skont ir-rikors promotur (li kien imsejjes fuq l-Artikolu 22Ċ tal-Kap.101, jiġifieri r-revoka tal-ordni ta' konfiska) permezz tal-aggravju tagħha, hija qegħda

tippretendi rimedju ieħor, ċioè li tinvoka l-poteri residwali tal-Qorti meta l-prinċipju huwa li *electa una via non datur recursus ad alteram.*

17. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanta. Minn qari tar-rikors promotur huwa ovvju li l-kawża mressqa mir-rikorrenti ma kenitx waħda li biha hija kienet qegħda tattakka s-sentenza tal-1 ta' Frar, 2019, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn kienet qegħda tinvoka il-poter residwali tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik is-sentenza tiġi dikjarata nulla. Iżda t-talbiet tar-rikorrenti huma ndubbjament imfassla fuq il-provvediment tal-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, (Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi) fejn intalbet dikjarazzjoni mill-Qorti li l-flus ikkonfiskati permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, ma ġewx miksuba mill-ebda reat u allura kienu flus leċiti, u kwindi ntalbet ukoll ordni ta' revoka tal-ordni ta' konfiska fuq l-istess assi u li tali flejjes għandhom jintraddu lura lir-rikorrenti. Huwa biss fl-istadju tal-appell li r-rikorrenti tinvoka l-poter residwali tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan meta, kif ġustament osservat mill-Kummissarju tal-Pulizija appellat, il-prinċipju viġenti huwa li *electa una via non datur recursus ad alteram.* Kienet għażla tar-rikorrenti li fasslet il-kawża tagħha fuq l-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, mentri kif ingħad mill-Ewwel Qorti, din l-azzjoni kif imressqa ma setgħet qatt tirnexxi ladarba l-konfiska ordnata mill-Qorti tal-Maġistrati ma saritx

skont l-Artikolu 22 (3A) (d) tal-Kapitolu 101 (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Muscat et v. Kummissarju tal-Pulizija et** u tal-21 ta' Lulju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Norman Bezzina et v. Kummissarju tal-Pulizija**).

18. F'kull każ, l-Ewwel Qorti kienet marbuta li tiddeċiedi l-kawża fuq il-bażi tal-premessi mressqa quddiemha. Huwa prinċipju magħruf li fl-għoti tas-sentenza f'kawża l-ġudikant għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni, b'mod illi filwaqt li hu obbligat jokkupa ruħu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet; min-naħa l-oħra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tiegħu. Dan dejjem salv meta jkun hemm kwistjoni ta' ordni pubbliku, fejn allura l-ġudikant hu obbligat li jirrilevaha *ex officio.* (Ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 1965 (Kollez. Vol. XLIX.I.406) fl-ismijiet **Joseph Gatt v. Joseph Galea** u tat-30 ta' Ġunju, 1976, fil-kawża fl-ismijiet **Regina mart Francis Cacciattolo v. Francis Cacciattolo**). Fuq l-istess linja, aktar reċentement fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Health Services Group Limited v. Id-Direttur tal-Kuntratti et** ingħad li l-Qorti trid tiddeċiedi biss a bażi tar-raġuni ġuridika tat-talba u jekk din ma tirriżultax, din ma tistax tinbidel, u t-talba trid tiġi miċħuda.

19. Inoltre, kif sewwa jgħid l-appellat, din hija l-ewwel darba li l-appellanta tinvoka s-setgħa residwali tal-Qrati ordinarji, materja li qatt ma ġiet trattata quddiem l-Ewwel Qorti. Xogħol din il-Qorti huwa dak li tirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Qrati tal-ewwel grad skont ma jkunu ddeċidew fis-sentenzi tagħhom u mhux mogħti li parti tqajjem bħala aggravju f'appell xi kwistjoni li ma tkunx tqajmet quddiem il-Qorti li minnha jsir l-appell (ara sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ġunju,1951, fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Tagliaferro noe v. Antonio Cini** (Kollez. Vol: XXXV.i.160)). Jidher li bis-saħħa ta' dan l-aggravju, l-appellanta qegħda tibdel is-sisien li fuqhom ressqet l-azzjoni tagħha u ħaġa bħal din m'għandhiex titħalla ssir bla ma tikser il-jedd tal-parti l-oħra għall-benefiċċju tal-eżami fiż-żewġ istanzi u bla ma tikser ir-regola *electa una via non datur recursus ad alteram.*

20. Kwindi l-appellanta ma tistax tipprova ssalva l-azzjoni tagħha billi fl-istadju tal-appell tittanta tinvoka s-setgħa residwali tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bħala aggravju għas-sentenza appellata. Wara kollox, l-istess appellanta kellha rimedju ieħor sabiex tattakka l-ordni ta' konfiska tal-Qorti tal-Maġistrati, dik li tappella s-sentenza mogħtija (ara l-Artikolu 413 tal-Kodiċi Kriminali) fl-istadju xieraq u fin-nuqqas li tagħmel dan, hija ma tistax tipprevalixxi ruħha mir-rimedju nvokat minnha f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża taħt il-liġi proċedurali ġenerali. In-nuqqas tagħha li tagħmel użu mir-rimedju effettiv li tipprovdi l-liġi billi tintavola appell sabiex tindirizza l-

ilment tagħha ma jiġġustifikax l-aggravju tagħha li tinvoka l-kompetenza residwali tal-Qrati ordinarji *in extremis* fl-istadju tal-appell. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar et v. Alfred Falzon Sant Manduca et:**

> *"L-atturi appellanti, kellhom rimedju accessibbli u effettiv, il-fatt li ma utilizzawhx imputet sibi, stante li meta ligi specjali tipprovdi rimedju, dak ir-rimedju ghandu japplika. Fin-nuqqas li tali rimedju jigi utilizzat, wiehed ma jistax imbaghad idur fuq il-kompetenza residwali tal-Qrati ordinarji."*

Ġaladarba l-Kodiċi Kriminali jipprovdi rimedju għar-rikorrenti appellanti, il-ġurisdizzjoni ġenerali tal-Qrati Ċivili ma tapplikax, aktar u aktar meta l-appellanta kellha dak ir-rimedju u naqset li tinqeda minnu fiż-żmien li l-liġi kienet tagħtiha.

21. Sa fejn l-appellanta tinvoka s-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Ġenerali et v. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin et,** tabilħaqq f'dik il-kawża il-premessi u t-talbiet attriċi kienu fis-sens li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiġi dikjarata nulla bis-saħħa tal-poteri residwali tal-Qorti u għalhekk il-paragun li tittanta tagħmel l-appellanta ma jreġix peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ jew aħjar il-premessi li fuqhom issejset din il-kawża huma tassew differenti. Jiġi ribadit li l-Ewwel Qorti f'din il-kawża ma ntalbitx li tissindika s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, iżda t-talba tar-rikorrenti kienet dik tad-dikjarazzjoni li l-flejjes konfiskati ma ġewx miksuba mill-ebda reat u li kienu flejjes leċiti, u kwindi talba għal

ordni ta' revoka tal-ordni ta' konfiska, u rilaxx tal-istess flejjes favur ir-rikorrenti, msejsa fuq l-Artikolu 22Ċ tal-Kap. 101 kif spjegat qabel. Isegwi li s-siltiet mill-imsemmija sentenza li l-appellanta tagħmel referenza għalihom ingħadu f'kuntest ta' pretensjonijiet attriċi totalment differenti. Għalhekk l-aggravju tal-appellanta ma jreġix u ser jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mir-rikorrenti appellanti, billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Mejju, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ.

Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess rikorrenti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr